Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' April 2020
(OR. en)

7310/20

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0045(COD)

AVIATION 47
RELEX 266
COREE 1

**NOTA PUNT "I"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>– Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni |

1. Fil-21 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (6820/19).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' deċiżjoni fl-2019 u laħaq qbil dwaru fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2019.

3. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill emendata dwar l-iffirmar ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

   – jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' deċiżjoni dwar l-iffirmar, kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 15079/19, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 15082/19, u

– jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.

5. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.